MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Numru. 402/2011

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Bondin)
vs
David Grima, iben Anthony, imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Awwissu, 1978, karta ta’ l-identita numru 366078(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-20 ta’ Frar, 2011 għal ħabta tal-5.30 a.m. ġewwa l-Clique Bar, Triq San Ġorġ, San Ġiljan:
a. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ Edward Micallef f’perikolu ċar, ikkaġunalu ġrieħi ta’ natura gravi fil-ġisem jew fis-saħħa, skond kif iċċertifika Dr. Chris Muscat M.D.;
b. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi nġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew

minħabba li kien għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinfluwixxi jew ibezzgħu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna ta' PC27 Alan Zahra u PC533 Paul Sheehan;

c. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna ġrieħi volontarji ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' PC533 Paul Sheehan, skont kif iċċertifika Dr. Chris Muscat mill-Poliklinika tal-Floriana;

d. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-pulizija taħt l-istess lok u ċirkostanzi mill-istess uffiċjali tal-pulizija hawn fuq imsemmijia;

e. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

f. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-5 ta' Jannar, 2010 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April, 2012 fejn Edward Micallef ħafer lill-imputat u il-ferita li ġarrab kienet waħda ta' natura ħafifa.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati li ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Edward Micallef u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Iżda issibu ħati li kkaġuna ferita ta' natura ħafifa. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 95, 221(1) u 338(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat is-sentenza tal-5 ta' Jannar, 2010 fejn ġie ikkundannata għal piena ta' ħames xhur priġunerija, liema piena ġiet sospiża għal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-perjodu

ta’ sospensjoni tal-piena jerġa jibda tiddekorri fl-intier tiegħu (jiġifieri 18 il-xahar) mil-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------